**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Mario Farrugia

*versus*

Mark Delicata

**Danni - Inċident Awtomobilistiku - *Wrong Side of the Road***

*Kawża fuq inċident awtomobilistiku. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li attribwit ċaħda għat-talba ta' l-attur u rriteniet illi l-fattur determinanti tal-kollizjoni kien li l-attur invada l-karreġġata tal-konvenut li kkostringa lill-konvenut jieħu azzjoni evażiva.*

Il-Qorti:-

Rat is-*sentenza* mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fil-11 ta' April, 1996 li tinqara hekk:

"Din il-kawża hija dwar ħabta li ġrat f'Burmarrad fis-*16* ta' April, *1988 bejn* il-*minibus* numru Y-2367 misjuqa mill-*attur* u l-karozza *numru* K-7528 misjuqa mill-konvenut;

L-attur qed *jgħid li din* il-ħabta ġrat bi ħtija tal-konvenut waħdu, *u li d-danni* tiegħu huma ta' elf, tliet *mija* u *ħamsa u* għoxrin *lira u* ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm1,325.25).

Għalhekk l-attur talab li l-Qorti, wara li tgħid li l-konvenut jaħti għall-ħabta u li d-danni ta' l-attur huma ta' Lm1,323.25 jew somma aktar eżatta, tikkundanna *lill*-konvenut iħallas id-danni flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;

Il-konvenut wieġeb li l-ħtija ma kinitx tiegħu iżda ta' l-attur;

B'digriet ta' l-20 ta' April, 1990 il-Qorti ħatret lil Dr. Joseph Ciappara bħala perit legali, u l-perit ħalef ir-rapport tiegħu fit-30 ta' Marzu, 1995;

Kif fisser il-perit fir-rapport tiegħu, il-ħabta ġrat meta għal xil-10.45 p.m. tas-16 ta' April, 1988, l-attur Mario Farrugia kien għaddej bil-*minibus* Y-2367 minn Triq Burmarrad Burmarrad, sejjer lejn San Pawl il-Baħar, u l-konvenut Marl Delicata kien għaddej bil-Hyundai K-7528 sejjer fid-direzzjon opposta, lejn il-Mosta. Mill-ewwel stqarrija li għamlu l-partijie meta kienu nterrogati *mis-surġent* wara l-ħabta, ħarġu dawn i versjonijiet li huma mniżżlin fl-okkorrenza;

Il-versjoni ta' l-attur "*he was driving from Mosta Burmarrad on the proper side of the road at about 30 m.p.h. a ... the other driver tried to avoid a dog and consequently dash into his van*";

Il-versjoni tal-konvenut "*car number K-7528 w proceeding from Burmarrad to the direction of Mosta on proper side of the road at about 40 m.p.h. and all of a sud the minibus number Y-2376 dashed into his car*";

Kif fissru l-inċident il-partijiet, il-ħabta ma setgħetx s għax it-tnejn kienu fuq in-naħa tagħhom tat-triq u t-triq wiesa' biżżejjed biex jgħaddu minnha t-tnejn bla ma jaħ

Iżda l-ħabta b'xi mod saret;

Meta xehed quddiem il-perit legali, l-attur nesa għal kollox l-episodju tal-kelb, li ma jissemma' mkien aktar ħlief fl-okkorrenza u daħħal element ġdid: li l-karozza tal-konvenut ma baqgħetx fejn kienet wara l-ħabta iżda tressqet qabel ma ġie s-surġent jieħu l-kejl. L-attur xehed hekk:

"Wara l-inċident il-*minibus* ma ntmessitx sakemm ġew il-pulizija, iżda l-Hyundai ċaqalquha u tressqet lura qabel ġie s-surġent";

Wieħed jistenna li ħaġa bħal din l-attur kellu jsemmiha fil-bidunett, meta s-surġent beda jkejjal, iżda ma għamilx hekk. Fisser dan in-nuqqas tiegħu billi qal li "jien qatt ma kelli ħabta u dak il-ħin ma rrealizzajtx x'kien l-iskop". Iżda lanqas id-dikjarazzjoni li ħalef meta ppreżenta ċ-ċitazzjoni l-attur ma semma' xi ħaġa dwar il-posizzjoni tal-Hyundai. F'dan l-istadju l-attur kien laħaq ikkonsulta ma' l-avukat li kien jagħraf l-importanza ta' din l-allegazzjoni u kien iniżżilha fid-dikjarazzjoni li kieku l-attur semmiehielu. Barra minn hekk, il-konvenut, meta kien qed jixhed quddiem il-perit, semma tnejn min-nies li jgħid li kienu ċaqalqu l-karozza tal-konvenut, ċertu Joe Camilleri u missier il-konvenut, iżda lil dawn ma sejħilhomx biex jixhdu dwar hekk;

Għalhekk sewwa għamel il-perit legali li ma ta ebda mportanza lil din l-allegazzjoni ta' l-attur. L-episodju tal-kelb u l-episodju taċ-ċaqliq tal-Hyundai juru li l-versjoni ta' l-attur tista' ma tkunx preċiża fid-dettalji kollha;

Il-konvenut xehed hekk:

"Bħala *speed* kont xi 60 km/h. Dwal kelli *headlamps dipped*. Traffiku ieħor ma kien hemm xejn ħlief iż-żewġ vetturi

li ħbatna. Kont qed inżomm għan-nofs tal-karreġġata tiegħi. Imbagħad rajt dawl qawwi ġej għal fuqi u f'temp ta' sekondi ġiet id-daqqa li kienet qawwija u dawritni";

Kif sewwa qal il-perit legali, billi kull wieħed mill-partijiet qiegħed jakkuża lill-ieħor li nvada l-karreġġata tiegħu, u billi x-xhieda okulari ma qalu xejn li jgħinek tasal għal konklużjoni, trid bilfors tħares lejn l-iskizz li waħdu huwa xhieda oġġettiva. Dan l-iskizz juri li l-attur ħalla *brakemarks* mill-*ispot of impact* 'il quddiem, u għalhekk ma bediex jiffrena qabel il-ħabta. Dawn il-*brakemarks* huma angolati lejn ix-xellug tat-triq. Il-Hyundai spiċċat b'angolu ta' disgħin grad (90°) mal-linja tat-triq. Ħalliet *brakemarks* twal erbatax-il metru u erbgħin ċentimetru (14.4m) u jibdew minn qabel l-*ispot of impact*, mhux wara, bħalma kienu ta' l-attur. Dawn il-*brakemarks* jibdew f'direzzjoni parallela mal-linja tat-triq u wara jilwu lejn ix-xellug. Il-perit legali kkonkluda li dawn il-*brakemarks* li huma f'direzzjoni ta' kważi 90° mal-posizzjoni finali tal-Hyundai juru li qabel il-ħabta l-konvenut ħasad il-*brake* u daħħal il-karozza tiegħu fi *skid*. Din il-konklużjoni tidher inevitabbli għax kieku l-karozza kienet miexja fid-direzzjoni li juru l-*brakemarks* kieku l-ħabta ma kinitx issir;

Il-perit legali qal, sewwa, li ma tistax tgħid sempliċement li "l-karozza daħlet fi *skid*" iżda trid tgħid li s-sewwieq "daħħal il-karozza fi *skid*" għax ħasad il-*brake*. Għalfejn il-konvenut kellu jaħsad il-*brake*? Il-perit legali kkonkluda hekk:

"L-indikazzjonijiet huma li Delicata kien qed isuq viċin tal-*continuous white line*, kif juru l-*brake* jew *skid marks* u l-*braking distance* issegwi t-*thinking distance*, li hu ntebaħ li l-*minibus* ukoll kienet riesqa lejh viċin tal-*continuous white line* (kif indubbjament kienet), u li ttanta jieħu azzjoni evażiva li falliet lu. Mill-banda l-oħra l-attur żamm *brake* u pprova jieħu azzjoni evażiva ma' l-impatt u mhux qabel";

Minn eżami ta' l-iskizz, iżda, jidher li, għall-inqas qabel ma daħal fi *skid*, il-konvenut ma kienx qrib il-*continuous white line* għax il-linja tal-*brakemarks* qiegħda xi ftit lejn il-lemin tal-*lane* tal-konvenut, iżda 'il ġewwa sew mil-linja tan-nofs tat-triq. Dak li osserva l-perit legali dwar it-*thinking distance* ma jidhirx li hu relevanti għax jekk l-i*skid* beda għax inħasad il-*brake*, l-i*skid* beda wara li ngħafas il-*brake* u mhux waqt li l-karozza kienet tipperkorri t-*thinking distance*;

X'ġiegħel lill-konvenut, li, kif issa rajna, jidher li kien sew fuq in-naħa tiegħu tat-triq, jagħfas il-*brake* u hekk jipprovoka l-i*skid*?

Jekk naraw *il-brake marks* ta' l-attur naraw li dawn jibdew mill-ewwel angolari lejn ix-xellug. Jekk nipprolungawhom lura dawn jeħduna lejn in-nofs tat-triq, lil hemm mil-linja tan-nofs. Dan ifisser li, waqt ir-*reaction time* ta' l-attur, i.e. qabel ma applika l-*brake* u qabel ma beda jilwi, kien wisq lejn in-nofs u nvada l-karreġġata tal-konvenut biżżejjed biex il-konvenut jibża' li dieħel fuqu, għalkemm dan kien fuq in-naħa tiegħu u jipprova jieħu azzjoni evażiva;

*Mela l-probabbilità hija li kien l-attur fuq in-naħa ħażina* tat-triq, tant li ġiegħel lill-konvenut jieħu l-azzjoni evażiva li rriżultat fi *skid* u ressqet il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-konvenut lejn in-nofs tat-triq fejn sabet il-*minibus* u hekk saret il-ħabta;

Wara dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti mhix sodisfatta li lill-attur seħħlu juri li l-konvenut kellu xi ħtija u għalhekk ma taqbilx mal-perit legali li qasam il-ħtija bin-nofs bejn il-partijiet;

*Il-Qorti għalhekk tiċħad* l-ewwel talba ta' l-attur u *tiċħad*

ukoll it-talbiet l-oħrajn kollha. L-ispejjeż iħallashom l-attur";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur li bih talab ir-revoka tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' April, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi u tilqa' d-domandi ta' l-attur appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-appellant espona li l-aggravju tiegħu jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u dan wassalha biex mhux biss ma qablitx mal-perit legali li l-inċident ġara bi ħtija ugwali bejn il-kontendenti (*drivers* involuti), iżda li kkonkludiet li l-attur anqas irnexxielu jipprova xi ħtija fil-konvenut;

L-appellant fir-rikors tiegħu ta' l-appell ta din il-versjoni tal-fatti:

"Fis-16 ta' April, 1988 xil-10.45 p.m., *minibus* nru. Y-2376 kienet tinsaq mill-esponent matul it-triq ta' Burmarrad sejra fid-direzzjoni mill-Mosta lejn Burmarrad mentri karozza Hyundai nru. K-7528 kienet tinsaq mill-konvenut f'direzzjoni kuntrarja. Iż-żewġ vetturi kienu viċin il-linja medjana iżda ġara li l-konvenut appellant ibbrejkja, il-karozza ma kkontrollahiex u wara li ħadet rotta lejn il-ħajt tax-xellug tagħha, daret (bla ma laqtet lill-ħajt) 90° u spiċċat għal ġol-kantuniera tal-lemin ta' quddiem tat-*Transit*";

L-appellant issottometta li filwaqt li l-Ewwel Onorabbli

Qorti qablet mal-perit li f'dan il-każ wieħed ried maġġorment joqgħod fuq il-*police sketch* u l-provi fattwali li joħorġu minnu, iżda waqt li l-perit, fl-umili sottomissjoni ta' l-appellant, għamel apprezzament tajjeb ta' dawk il-fatti (b'riserva ta' l-appellant *kif jingħad* il-quddiem, dwar xi konklużjonijiet *li jitnisslu* minn dawn), l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tassew żbaljat;

L-appellant żied jissottometti illi:

"L-*apprezzament* ta' dak *li* joħroġ *mill-police sketch* mhux *sempliċi office desk exercise* iżda wieħed irid, b'ċerta *expertise*, jidħol fl-ispirtu taċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku u ta' dak li jħabbat wiċċu miegħu *fit-triq*;

Fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet dan:

"Jekk *naraw* il-*brake marks* ta' l-attur naraw li dawn jibdew mill-ewwel angolati lejn ix-xellug. Jekk nipprolungawhom lura dawn jeħduna lejn in-nofs tat-triq, lil hemm mil-linja tan-*nofs*. *Dan ifisser* li, waqt ir-*reaction time* ta' l-attur, *i.e.* qabel *ma* applika l-*brake* u qabel ma beda jilwi, kien *wisq lejn in-nofs* u *nvada* l-karreġġata tal-konvenut *biżżejjed* biex il-konvenut jibża' li dieħel fuqu, għalkemm dan kien fuq in-naħa tiegħu, u jipprova jieħu azzjoni evażiva;

Dak li qalet l-Ewwel Qorti hu apprezzament insostenibbli għax <u>mhux minnu</u> *li* l-angolatura tal-*brake marks* tat-*Transit juru li huma* ġejjin mir-*wrong side* u li t-*Transit* kien oriġinarjament *wrong side*. L-oriġini tal-*brake marks* tat-*Transit* kienet id-daqqa fuq il-*front right corner* tat-*Transit*. Dan ma kienx każ ta' *thinking distance* li tippreċedi impronta ta' *tyres* imma każ ta' mpronti *li* oriġinaw mill-impatt tal-Hyundai fuq it-*Transit li lil din* tellfilha r-rotta u <u>bdew</u> l-impronti;

Stabbilit dan il-fatt, hu assodat li dak li ġara kien li waqt li t-*Transit* kien għaddej viċin il-linja medjana, il-Hyundai kien similment għaddej viċin il-linja medjana - inqas qrib - u d-*driver* tal-Hyundai ibbrekja u l-vettura daritlu għal ġot-*Transit* kif konklussivament ippruvat mill-posizzjoni tal-Hyundai wara l-inċident;

Il-perit ikkonkluda li l-qrubija tat-*Transit* lejn il-linja medjana rrendietu ugwalment responsabbli mal-konvenut għall-inċident. L-esponent josserva li f"inċident, wara li tistabbilixxi l-fatti trid tara x'kien dak il-fattur (fatturi) li kkaġuna l-inċident u tiskarta nuqqasijiet (u ma tħallihomx jimpressjonawk indebitament) oħra. F'dan il-każ l-inċident ikkaġunah il-fatt li l-appellat ibbrejkja u tilef (b'responsabbilità tiegħu) il-kontroll tal-Hyundai";

Fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, id-difensur ta' l-appellant iddikjara li ma kellux x'iżid mar-rikors ta' l-appell;

Id-difensur tal-konvenut issottometta li l-*brake marks* tal-vettura tal-konvenut, kif jirriżulta mill-iskizz tal-pulizija (dok. S) bdew fid-dritt u mbagħad ġew angolati u juru li hu kien fuq in-naħa korretta tal-karreġġata tiegħu, filwaqt li l-vettura ta' l-attur kienet fuq il-karreġġata tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi t-teżi ta' l-attur appellant hija li l-fattur li kkaġuna l-inċident kien li l-konvenut kien ibbrejkja (b'responsabbilità tiegħu) u tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu;

*Din il-Qorti ma taqbilx ma' din it-teżi billi hija* tikkondividi l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti li l-probabbilità hija li l-attur kien fuq in-naħa ħażina tat-triq tant li ġiegħel lill-konvenut jieħu l-azzjoni evażiva li

rriżultat fi *skid* u ressqet il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-konvenut lejn in-nofs tat-triq fejn sabet il-vettura ta' l-attur u hekk saret il-ħabta;

Minn dan isegwi li l-fattur determinanti tal-kolliżjoni kien li l-attur invada l-karreġġata tal-konvenut li kkonstrinġa lill-konvenut jieħu azzjoni evażiva. L-attur ma jidhirx li ħa xi azzjoni evażiva qabel l-impatt iżda kien biss wara l-impatt li ffrena l-vettura, kif juru *l-brake marks* tiegħu fuq l-iskizz tal-pulizija. Ta' min jirrileva li mhux biss hemm probabbilità li l-attur kien *wrong side* meta saret il-ħabta iżda hemm kważi ċertezza billi mill-iskizz tal-pulizija jirriżulta li l-*point of impact* kien iżjed fuq il-karreġġata tal-konvenut, milli fuq il-linja medjana, kif interpreta l-iskizz il-perit. Jiġi ukoll irrilevat li anqas hemm xi xhieda li qalu li l-vettura tal-konvenut skiddjat wara li l-konvenut ibbrejkja. Kien il-perit li wasal għal din il-konklużjoni billi, fil-fehma tiegħu, la l-marki li ħalliet il-vettura tal-konvenut fuq l-iskizz mhumiex dritti huma iżjed konformi ma' *skid marks*. Għalhekk, anke jekk hu probabbli li l-vettura tal-konvenut skiddjat bħala riżultat ta' l-aplikazzjoni tal-*brakes* il-ħabta ġrat fuq il-karreġġata tal-konvenut, bl-i*skid* b'kollox;

Minn dan jidher ċar li ma tirriżulta ebda ħtija għall-inċident da parti tal-konvenut, billi l-kolliżjoni ġrat minħabba li l-vettura ta' l-attur kienet fuq il-karreġġata tal-konvenut u nonostante li l-konvenut ħa azzjoni evażiva qabel l-impatt, il-ħabta ġrat xorta waħda aktarx għax il-vettura tiegħu skiddjat, iżda baqgħet fuq il-karreġġata tagħha;

Għalhekk l-aggravju dedott mill-appellant mhux fondat;

Għal dawn il-motivi u dawk tas-sentenza appellata, tiċħad bħala nfondat l-appell interpost mill-attur u konsegwentement tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' April, 1996 fil-kawża fl-ismijiet premessi,

bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

---